

# PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

*Dokument ta' sessjoni*

20.5.2008

B6-0242/2008 }  
B6-0250/2008 }  
B6-0251/2008 }  
B6-0252/2008 }  
B6-0253/2008 }  
B6-0270/2008 } RC1

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI KONĠUNTA

imressqa skond l-Artikolu 103(4) tar-Regoli ta' Proċedura minn

- Georg Jarzembowski, Jacek Saryusz-Wolski, José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra, Laima Liucija Andrikienė, Cornelis Visser, Jas Gawronski, fisem il-Grupp PPE-DE
- Hannes Swoboda, Pasqualina Napoletano, Alexandra Dobolyi, fisem il-Grupp PSE
- Dirk Sterckx, Thierry Cornillet, Marielle De Sarnez, fisem il-Grupp ALDE
- Daniel Cohn-Bendit, Raül Romeva i Rueda, Monica Frassoni, Hélène Flautre, Helga Trüpel, Claude Turmes, Milan Horáček, fisem il-Grupp Verts/ALE
- Adam Bielan, Hanna Foltyn-Kubicka, fisem il-Grupp UEN
- Jiří Maštálka, Gabriele Zimmer, fisem il-Grupp GUE/NGL

li tieġu post il-mozzjonijiet għal riżoluzzjoni mressqa mill-gruppi li ġejjin:

- PPE-DE (B6-0242/2008)
- UEN (B6-0250/2008)
- Verts/ALE (B6-0251/2008)
- GUE/NGL (B6-0252/2008)
- ALDE (B6-0253/2008)
- PSE (B6-0270/2008)

dwar id-diżastru naturali fiċ-Ċina

RC\724678MT.doc

PE401.575v01-00}  
PE407.444v01-00}  
PE407.445v01-00}  
PE407.446v01-00}  
PE407.447v01-00}  
PE407.464v01-00} RC1

## Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar id-diżastru naturali fiċ-Ċina

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' l-UE tat-13 ta' Mejju 2008 u d-dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar is-sitwazzjoni fil-Provinċja ta' Sichuan fiċ-Ċina,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 103(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi terremot qawwi b'intensità ta' 7.8 gradi laqat il-lbiċ taċ-Ċina fit-12 ta' Mejju 2008,
- B. billi t-terremot qatel għexieren ta' eluf ta' nies, speċjalment fil-Provinċja ta' Sichuan, u ħafna nies għadhom ma nstabux,
- C. billi l-ħidma ta' salvataġġ hija diffiċli minħabba l-kundizzjonijiet ġeografiċi fil-Provinċja ta' Sichuan,
- D. billi l-Gvern Ċiniż baġhat riżorsi u persunal ta' emerġenza eċċezzjonali, inklużi suldati u staff mediku, li qed jaħdmu fiż-żona milquta,
- E. billi l-Federazzjoni Internazzjonali tas-Salib l-Aħmar u tan-Nofs Qamar Aħmar ħarġet appell urġenti għall-għajnuna,
1. Jagħti l-għomor u s-soldarjetà tiegħu lill-poplu taċ-Ċina u lill-għadd kbir ta' vittmi; huwa mnikket għal dawk kollha li qed ibatu l-konsegwenzi tat-terremot;
  2. Jilqa' b'sodisfazzjon ir-reazzjoni immedjata għad-diżastru mill-awtoritajiet Ċiniżi permezz ta' l-operazzjoni ta' emerġenza tagħhom;
  3. Jinnota b'apprezzament li ċ-Ċina kienet lesta taċċetta għajnuna barranija; jistieden lill-Gvern Ċiniż biex jiffaċilita l-ħidma ta' l-għajnuna umanitarja u ta' l-organizzazzjonijiet tal-voluntiera fit-tqassim ta' l-għajnuna, u biex jiggarantixxi l-aċċess għall-għajnuna għal kull min hu fil-bżonn;
  4. Iħeġġeġ lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jagħtu għajnuna urġenti, assistenza teknika u għajnuna għar-rikostruzzjoni liż-żona milquta;
  5. Jisħaq fuq l-urġenza tal-forniment ta' għajnuna umanitarja ewlenija permezz tal-programm ECHO, bl-appoġġ ta' baġit kbir u xieraq; jinnota l-wasla f'Chengdu ta' l-espert tal-Kummissjoni dwar l-għajnuna umanitarja biex jevalwa x'inhuma l-ħtiġijiet;
  6. Jappoġġja l-kontribut li qed jagħtu l-Istati Membri ta' l-UE permezz tal-‘Mekkaniżmu tal-Protezzjoni Ċivili’, ikkoordinat mill-Kummissjoni Ewropea, kif ukoll il-kontribuzzjonijiet l-oħra lill-isforzi ta' għajnuna mill-komunità internazzjonali;
  7. Jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-midja Ċiniża u barranija qed jitħallew jagħtu informazzjoni

RC\724678MT.doc

PE401.575v01-00}  
PE407.444v01-00}  
PE407.445v01-00}  
PE407.446v01-00}  
PE407.447v01-00}  
PE407.464v01-00} RC1

dettaljata u eżatta dwar id-diżastru;

8. Jisħaq fuq l-importanza ta' governanza tajba fil-prevenzjoni u t-tħejjija għal diżastri naturali li jistgħu jseħħu; jitlob li tkun żviluppata t-teknoloġija għal sistema komprensiva u effettiva ta' twissija bikrija sabiex il-popolazzjonijiet ikunu lesti għat-terremoti u għal diżastri naturali oħra;
9. Jilqa' b'sodisfazzjon l-isforzi tal-komunità internazzjonali biex jagħtu l-aqwa Prattika tagħhom fir-rigward tal-ħidma f'emerġenzi ċivili u ta' għajjnuna għad-diżastri sabiex tgħin liċ-Ċina u lill-poplu tagħha li ntliaqtu mit-terremot; jistieden lill-organizzazzjonijiet involuti biex jipprovdu għajjnuna finanzjarja biżżejjed biex jitwettqu l-impenji;
10. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet ta' l-Istati Membri u lill-Gvern taċ-Ċina.